Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Novembru 2024
(OR. en)

14952/24

LIMITE

CORLX 1009
CFSP/PESC 1493
ELARG 147

PUBLIC

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Türkiye fil-Lvant tal-Mediterran |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/…**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894**
**dwar miżuri restrittivi**
**fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Türkiye**
**fil-Lvant tal-Mediterran**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894[1].

(2) Il-Kunsill irrieżamina l-miżuri restrittivi stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894. Fuq il-bażi ta' dak ir-rieżami, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu estiżi sat-30 ta' Novembru 2025.

(3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 jenħtieġ għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47).

*Artikolu 1*

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Novembru 2025 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija għandha tiġġedded jew tiġi emendata, kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC